MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 569/2003/1

**Joseph Ciantar**

**vs**

**Victor Camilleri**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta’ Novembru, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta’ Novembru tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi prevja dikjarazzjoni li l-artikolu “Tbazwir finanzjarju fil-Kunsill Lokali ta’ Haz-Zebbug” ippubblikat fil-gurnal ‘Il-Mument’ fil-harga tad-9 ta’ Novembru tas-sena 2003, (Dok. A.), li tieghu l-konvenut hu l-editur, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur u li jesponieh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku, ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-qorti f’ammontli ma jeccedix il-hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), bhala danni ghall-malafama b’appikazzjoni ta’ l-artikolu 28 tal-Kapitolu 248;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-15 ta’ Dicembru tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut ecepixxa s-segwenti;

1. Illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni mhix libelluza billi tammonta ghal ‘fair comment’ ibbazata fuq fatti li huma sostanzjalment korretti;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat it-22 ta’ Dicembru tas-sena 2003;

Rat il-verbal taghha tal-5 ta’ Jannar tas-sena 2004;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-kawza odjerna hi naxxenti minn artikolett ta' zewg (2) kolonni, kontenenti hmistax (15) –il paragrafu li deher that it-titolu "Tbazwir finanzjarju fil-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug", bis-sottotitolu "Jinghataw direct orders li ghalihom inhargu kontijiet ta' aktar minn LM20,000", fil-gurnal settimanali "Il-Mument";
2. Illi dan l-artikolett kien wiehed anonimu u fih sintetikament jinghad is-segwenti:

i. Illi l-artikolett kien ibbazat fuq informazzjoni li l-gurnal fuq indikat kien kiseb wara "stharrig li kien ghamel", (ara fol 2);

ii. Illi fil-laqgha tal-gurnata tat-Tlieta precedenti ghal dik il-harga partikolari tal-gurnal settimanali de quo fuq riferita, senjatament ta' l-4 ta' Novembru tas-sena 2003, l-istess gurnal kien jirrizultalu li s-Sindku attur kien gie mistoqsi diversi mistoqsijiet rigward pagamenti li kienu qed jigu effettwati mill-Kunsill in dizamina u rigward il-mod li bih kien qed jinghata x-xoghol lil certi individwi;

iii. Illi rigward ix-xoghlijiet li saru fuq il-bankini ta' Vjal il-Helsien; fuq il-"patching" li sar fi Triq Mikiel Ang Sapiano, u fuq xoghol li sar fl-inhawi tar-Ramel, jirrizulta lill-istess gurnal li kienu intbaghtu lill-Kunsill kontijiet ta' LM6,500; LM8,500 u LM6,000 rispettivament;

iv. Illi l-imsemmija kontijiet kienu relattivi biss ghax-xoghlijiet maghmula u mhux ghall-materjal involut u wzat;

v. Illi dawn it-tlett xoghlijiet inghataw b' "direct order" minghajr ma nharget sejha ghall-offerti;

vi. Illi dawn id-"direct orders" inghataw mill-attur bhala Sindku;

vii. Illi flimkien mal-kontijiet fuq indikati intbaghtu ohrajn ghall-xoghlijiet li komplessivament jaqbzu l-LM20,000.00,0);

viii. Illi fl-oghti ta’ dawn ix-xoghlijiet regghet ma gietx segwita l-procedura mehtiega mill-imsemmi Kunsill;

ix. Illi l-hlas ta’ min ta dawn il-kontijiet “ … qatt ma tressqu ghall-aprovazzjoni waqt laqghat tal-Kunsill”; (ara fol 2);

x. Illi effettivament fil-laqgha tal-Kunsill fuq riferita ingibdet l-attenzjoni tas-Sindku mill-kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista;

xi. Illi jirrizulta wkoll lill-investigaturi tal-gurnal de quo li intraprendew l-investigazzjonijiet li kkonducew fuq id-dokumenti tal-Kunsill stess, kienu saru pagamenti mill-Kunsill li kienu jammontaw ghal aktar minn dawk approvati fl-istess Kunsill, fejn sahansitra “ … f’kaz partikolari sar hlas ta’ madwar LM800 aktar milli kien approva l-Kunsill”; (ara fol 2);

xii. Illi x-xoghlijiet involuti kienu allegatament ta’ kwalita’ inferjuri;

xiii. Illi in effetti hu sostnut li l-kunsill ma qabbad lill-ebda konsulent professjonali biex jissorvelja u jiccertifika x-xoghlijiet de quo, u dan, nonostante li l-istess Kunsill “ … ghandu kuntratt ma konsulent apposta”, (ara fol 2);

xiv. Illi ghalhekk, l-artikolist investigatur anonimu jsostni li kienu qed “ … jitqanqlu dubji serji dwar l-ammonti li qed jitnizzlu fil-kontijiet li qed jintbaghtu lill-Kunsill” de quo, (ara fol 2);

xv. Illi l-istess kittieb isostni li "hemm kazi fejn ir-rati li bihom inhadmu l-kontijiet ghal xoghol partikolari huma hames darbiet oghla minn rati normali … ", (ara fol 2);

xvi. Illi gie wkoll sostenut li f'xi kazijiet dawk li kienu nkarigati b'xi whud minn dawn ix-xoghlijiet ma kienux registrati mad-Dipartiment tal-VAT u kienu ghalhekk kostretti li ma johorgux ricevuti fiskali, u fl-istess hin kienu qed jirregistraw ghax-xoghol u jiehdu l-beneficcji socjali;

xvii. Illi l-gurnal de quo kien infurmat ukoll li kien anke sahansitra gie intavolat rapport lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex dan ikun jsita' jinvestiga l-immaniggjar finanzjarju fl-istess Kunsill;

Ikkunsidrat:

Illi rizultat tal-pubblikazzjoni ta' dawn l-allegati fatti l-attur hassu libellat u mmalafamat peress li gie espost gahd-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

Illi in effetti, aktar min hekk, l-attur hassu wkoll offiz, ara fol 16);

Illi skond l-attur din l-offiza kien sintetikament ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-konkluzjoni li wasal ghaliha l-artikolist investigattiv anonimu kif sommarjament riprodotta fit-titolu ta' l-artikolett in dizamina, precizament il-kliem "Tbazwir finanzjarju", u attribwit mill-attur, hi wahda li biha l-attur ihossu tassew malafamat u offiz;

2. Illi rigward l-allegazzjoni fl-istess artikolu li l-kontijiet li huma hemm indirizzati kienu biss ghal xoghlijiet u mhux ghal materjal, l-attur jirribatti li din mhix riflessjoni tal-verita' u in effetti mhux biss

hu u l-Kunsill de quo huma muniti bil-fatturi relattivi ghall-materjal involut, izda li l-istess dokumenti jinsabu fil-Kunsill u huma disponibbli ghall-Kunsilliera kollha u ghall-pubbliku, (ara fol 21-57);

3. Illi ghar-rigward ta' dawn id-dokumenti lill-attur ma jirrizultalux li xi hadd mar jikkonsultahom u ghalhekk ma jifhimx kif l-artikolist anonimu jista' jallega li effettwa xi investigazzjoni;

4. Illi ghalhekk, tali allegazzjoni hi biss pretensjoni falza li ma tixraqx la lil min allegaha u lanqas lil min irriproduciha;

5. Illi rigward l-allegazzjoni ta' "Direct Order" sostenuta fl-istess artikolu in dizamina, l-attur jirribatti li x-xoghlijiet in dizamina saru kollha a bazi ta' kuntratti regolarment mahruga u skrutinati skond il-ligi wara sejha pubblika ghall-offerti skond il-ligi;

6. Illi fejn ma kienx hemm sejha pubblika ghall-offerti ghal xoghlijiet necessarji, dan sar biss fejn ma kienux mehtiega tali sejha skond il-ligi;

7. Illi kwalunkwe pagamenti li gie effettwat mill-kunsill de quo dejjem kien jigi mressaq ghall-approvazzjoni preventiva tal-Kunsillieri waqt il-laqghat taghhom biex dawn ikunu jistghu jigu debitament ezaminati u diskussi mill-istess u r-rizultanzi jigu allura verbalizzati fid-dokumenti tal-Kunsill skond il-ligi;

8. Illi ghalhekk l-operat ta' l-istess Kunsill kif immexxi mill-attur dejjem kien wiehed trasparenti u meta, bhal ma jigri f'kull istituzzjoni umana, jittiehed xi zball, dan jigi kkoregut immedjatament kif dan l-izball jigi skopert, (ara fol 18);

9. Illi l-attur jichad li saru pagamenti ufficcjali minghajr l-aprovazzjoni preventiva tal-Kunsilliera migbura fil-Kunsill;

10. Illi rigward l-allegazzjoni li fost ix-xoghlijiet kummissjonati mill-Kunsill de quo kien hemm xoghlijiet skadenti jew ta' kwalita' nferjuri, l-attur isostni li x-xoghlijiet involuti saru bejn Gunju u Lulju tas-sena 2003 u kienu jsiru taht is-supervizjoni ta' nies teknici li kienu jiccertifikaw il-livell ottimali ta' l-istess, (ara fol 18 u 84), u lid awn ix-xoghlijiet ghadhom fi stat tajjeb kif jista' jarahom kulhadd;

11. Illi finalment, rigward l-allegazzjoni li l-Kunsill de quo kien jinkariga nies li ma humiex registrati mad-Dipartiment tat-Taxxa tal-Valur Mizjud, l-attur isostni li " … kull min jahdem mal-Kunsill irid ikun registrat bil-VAT", (ara fol 18 u 91);

12. Illi rigward l-allegazzjoni ta' abbuzi u ta' immaniggjar finanzjarju erratiku mill-Kunsill l-attur isostni li ghalkemm l-imsemmi Kunsill kien kiteb lid-Dipartiment koncernet fir-rigward u f'diversi okkazjonijiet l-istess Dipartiment ma jirrizultax li kkomunika mal-Kunsill fuq daqshekk;

13. Illi di piu', jirrizulta li skond l-istess attur ir-rizorsi finanzjarji tal-Kunsill huma fi stat ferm ahjar minn dawk progettati, (ara fol 19);

Ikkunsidrat:

Illi in sintesi, l-problematika odjerna tista' tigi ridotta ghal zewg kweziti:

1. L-oneru ta' l-attur li jindaga, jistharreg, u jinvesitga l-agir ta' ufficcjali pubblici bhal ma hu l-attur odjern;

2. Il-konkluzjonijiet u kummenti li jippubblika l-konvenut lanjat;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ewwel kwezit hu sintomu importanti ta' regim demokratiku li jkollu stampa li hi serja u ppreparata biex tinvestiga b'serjeta' l-operat ta' kwalunkwe persuna li tkun fdata b'xi oneru pubbliku u fejn jidhol l-infieq ta' fondi pubblici;

Illi f'dan ir-rigward hadd mill-ufficjali li huma fdati b'xi responsabbilita' pubblika m'ghandu jhossu lil hemm mill-iskrutinju rett t'eghmilu;

Illi in effetti kif sostniet il-Qorti tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-kaz "The Sunday Times vs The K.K." tas-26 t'April tal-1979, l-istampa, fl-ambitu ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem:

" … plays its vital role of public watchdog and to impact information and ieas on matters of public interest";

Illi di piu', ghandu jkun pacifiku li gurnalist serju jew stampa serja, kemm –il darba ssostni li stharrget jew investigat sitwazzjoni li ddivulgat, ghandha verament tkun effettivament stharrget u nvestigat hi stess il-fatti li tirraporta u li tiddivulga lill-pubbliku;

Illi jekk bil-maqlub, minhabba xi raguni jew ohra, bhal per ezempju l-ghamad politiku, dawn ikunu mohhom biss biex jiddivulgaw dawk l-istqarrijiet li jinghataw minghajr verifika serja w oggettiva, l-aqwa li jhammgu lill-avversarji politici – allura l-protezzjoni guridika li wiehed jista' jinvoka ma jista' qatt isibha biex tissufragah;

Illi li jirrizulta fil-kaz odjern hu li effettivament il-konvenut, ghalkemm fl-artikolu in dizamina jafferma ghal diversi drabi li effettwa l-istharrig li fuqu bbaza l-artikolu tieghu, fil-fatt fl-atti, jirrizulta li ma kien xejn minn dan u kien biss ibbazat fuq informazzjoni li kunsillier avversarju ghall-attur ghadda lill-editur konvenut biex jisserva bih biex jilhaq l-ghanijiet mohbija tieghu;

Illi ghalhekk il-kredibilita’ tal-konvenut giet skussjata sew billi jafferma dak li minnu ma sarx;

Ikkunsidrat:

Illi rigward it-tieni kwezit, il-kunsillier fuq riferit ghamel sew li fil-qadi tad-doveri tieghu asserixxa d-dritt tieghu ta’ skrutinju fuq l-operat amministrattiv tas-Sindku attur;

Illi tant jirrizulta li giet approfondita l-analizi de quo li anke d-Dipartiment responsabbli mill-Kunsilli Lokali gie involut biex jiskrutinja l-operat de quo;

Ikkunsidrat:

Illi f’dan ir-rigward l-allegazzjonijiet ta’:

i. xoghol skadenti;

ii. xoghol mhux debitament kontrollat;

iii. pagamenti ezagerati;

iv. pagamenti lill-persuni mhux skond il-ligijiet fiskali vigenti

kollha gew skrutinati kemm fil-laqghat tal-Kunsill Lokali de quo fejn il-Kunsilliera kollha gew moghtija d-dokumentazzjoni kollha, kemm mid-Dipartiment fuq indikat li ma jirrizultax li ccensura lill-Kunsill lokali, jew lis-Sindku de quo;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk, ghalkemm l-istampa tista’ tkun tarka ghall-liberta’ ta’ l-individwu fl-ambitu ta’ regim fejn id-demokrazija tista’ tigi mxellfa, daqstant iehor hi facilment manipulata u manipolattiva biex tattakka avversarju b’mod illegittimu u effettiv;
Ikkunsidrat:

Illi dan qieghed jinghad anke fid-dawl ta' Oberschlick tat-23 ta' Mejju, 1991 fejn gie ribadit li:

"The Court notes that a politician, (bhal ma hu fil-kaz odjern), must display a greater degree of tolerance with regard to criticism";
Ikkunsidrat:

Illi pero', wara li hasbet fit-tul fir-rigward hi sodisfatta li la l-artikolu anonimu in dizamina hu bbazat fuq fatti li ma jirrizultawx – senjatament l-istharrig allegat mill-editur konvenut u tbazwir finanzjarju, - allura dan l-artikolu jaqa' fit-tieni kategorija ndikata fil-paragrafu precedenti fejn b'hekk l-istampa giet sottilment manipolata biex tissodisfa l-ghanijiet illeciti tal-konvenut billi tesponi minghajr ebda bazi, lill-attur ghal malafama billi attribwiet fatti lilu li ma gewx verifikati f'dawn l-atti stante li ma jirrizultax li l-attur Joseph Ciantar immanipola l-finanzi tal-Kunsill minnu mmexxi kif allegat;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess din il-qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut u fl-istess hin takkolji t-talbiet attrici;

Ghaldaqstant din il-qorti:

1. Tiddikjara li l-artikolu ntitolat "Tbazwir finanzjarju fil-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug: Jinghataw direct orders li ghalihom inhargu kontijiet ta' aktar minn LM20,000", ippubblikat fil-harga tad-9 ta' Novembru tas-sena 2003 tal-gurnal settimanali "Il-Mument", li tieghu il-konvenut Victor Camilleri kien l-editur, hu libelluz skond il-ligi fil-konfront ta' l-attur Joseph Ciantar billi dan gie b'hekk espost ghad-disprezz tal-pubbliku;

2. Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et datata l-15 ta' Novembru ta' l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

" Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta' danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-ligi ta' l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b'limitu ta' elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0), (liema limitu kien sussegwentement estiz ghall-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

3. Illi biex il-qorti tkun tista' tafferma r-ragonevolezza u r-rettitudini ta' dan l-ezercizzju taghmel referenza ghas-segwenti:

i. Illi l-konvenut jafferma li effettwa xi investigazzjonijiet fir-rigward meta fil-fatt dawn ma rrizultawx;

ii. Illi sostna l-allegazzjonijiet tieghu bhala fatti li sehhew meta jirrizulta l-kuntrarju;

iii. Illi d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jirrizulta li kkonduca xi investigazzjonijiet tieghu fejn l-attur jirrizulta li hareg indenn;

Tikkundanna ghalhekk lill-konvenut Victor Camilleri biex ihallas lill-attur Joseph Ciantar l-ammont ta' tlett mitt Lira Maltin, (LM300.00,0), bl-ispejjez kontra l-konvenut.**"**

Il-kontestazzjoni tal-konvenut fir-rigward ta' din is-sentenza tikkonsisti fl-aggravji segwenti:-

(1) L-ewwel Qorti ma ezaminatx il-fatti b’mod adegwat. In partikulari, ir-rapport ta’ l-Internal Audit and Investigations Directorate (IAID) tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali;

(2) L-istess Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi in materja. F’dan il-kuntest l-appellanti jissottometti li l-ewwelnett kien jinkombi fuq dik il-Qorti li tissepara l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-Kunsill minn dawk *di fronte* ghas-Sindku personalment. Anke hawn jinsisti li l-artikolu in ezami gie ppubblikat wara li l-IAID ghamlet l-investigazzjonijiet taghha u, allura, ir-rizultanzi raggunti fir-rapport ma kellhomx jitwarrbu mill-ewwel Qorti. Ukoll, l-appellanti jikkollega ruhu ghal principju ta’ l-espressjoni libera;

Mill-atti tal-kaz jirrizulta li l-attur, Sindku tal-Kunsill ta’ Haz-Zebbug, impernja l-oggezzjoni principali tal-kwerela tieghu fuq l-allegata diffamazzjoni ta’ l-unur tieghu kontenuta fl-artikolu ppubblikat fil-harga tal-gurnal “Il-Mument” tad-9 ta’ Novembru 2003. Essenzjalment, huwa jindividwa minnu certi paragrafi, imtennija wkoll fis-sentenza appellata, li fihom saru kummenti ingurjuza ghall-unur tieghu. Dan meta, skond l-attur, ma gietx preventivament kondotta mill-konvenut l-indagini mehtiega ghas-sostenn tal-fatti attribwiti lilu u dak li nkiteb sar bl-iskop li lilu jpingih ikrah mal-qarrejja;

Ghal mument il-Qorti qed tissofferma hawn biex taghmel dan ir-riljev. In linea ta’ principju generali, pubblikazzjoni ghandha tikkontjeni l-verita oggettiva tal-fatti esposti fejn dawn ikunu ir-rizultat ta’ ricerka u ta’ verifika serja u diligenti, riprodotti bil-forma civili ta’ l-esposizzjoni – dak li l-guristi Taljani (ara **Zeno-Zencovich**: “**Onore e reputazione nel sistema del diritto civile**”) jikkwafilikaw bhala “*continenza formale*” – ghas-sodisfaciment ta’ l-interess tal-pubbliku ghall-informazzjoni. Jikkonsegwi minn dan illi fejn tonqos l-indagini mehtiega ghar-rapprezentanzzjoni tal-fatti veri fil-kompletezza taghhom

tissussisti l-malafama u, allura wkoll, il-htija fl-awtur tal-pubblikazzjoni;

Minn ezami ta’ l-artikolu impunjat jirrizulta li l-artikolista jiddikjara illi l-fatti minnu esposti huma r-rizultat “minn informazzjoni li kiseb” u “mill-istharrig li ghamel”. Anke issa f’din is-sede l-appellanti jkompli jinsisti illi ghal dawk li huma l-fatti, “l-editur strah fuq dak li qalulu kunsilliera ta’ l-istess Kunsill Lokali u fuq il-kontenut tar-rapport ta’ l-IAID”. Din il-Qorti ma tistax ma zzommx prezenti illi meta nkiteb l-artikolu, il-konvenut ma setax ikun li huwa bbaza dawk il-fatti fuq ir-rapport ta’ l-IAID, gjaladarba dan ma kienx ghadu finalizzat. Effettivament, kemm mir-rapport innifsu (fol. 167) kif ukoll mid-deposizzjoni ta’ Alfred Armeni, rapprezentant tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, (fol. 165) jinghad li l-istess rapport sar fi Frar 2005. Jigifieri, cirka sena u nofs fuq li kien ippublikat l-artikolu. Li jfisser, allura, li l-artikolu kien eskluzivament arginat fuq l-ittra datata 7 ta’ Novembru, 2003 (esebita a fol. 92 u 110) li l-erba’ kunsillieri Nazzjonalisti fil-Kunsill Lokali ta’ Haz-Zebbug baghtu lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Purament minn din l-ottika huma impossibbli li l-paragrafi kkontestati mill-attur kienu sostanzjalment ipprovati fl-istadju tal-pubblikazzjoni taghhom minn dak ir-rapport. Dan, ghallanqas ghal din il-Qorti jfisser li f’dak l-istadju ma kienetx ghadha saret ricerka serja tal-fatti ppubblikati;

Ankorke wiehed kellu jigbed konkluzjonijiet minn dak l-istess rapport, ciononostante li jissussisti fih senjalazzjonijiet ta’ deficjenzi amministrattivi anke serji, fl-istess waqt ma jistax ma jigix notat ukoll in referenza ghall-fatti rakkontati attribwibbli lill-persuna tas-Sindku illi, bil-kontra ta’ dak li jinghad fl-artikolu impunjat, certi xoghlijiet ma nghatawx b’*direct order* mis-Sindku Laburista Joe Ciantar in kwantu kienu jirrientraw fil-qafas ta’ kuntratt ezistenti. Mhux dan biss, ghaliex ukoll l-istess rapport ma naqasx milli jissottolineja illi “*it is contradictory how come that the councillors queried the fact that direct orders are being given to small contractors, in this case VR Works, when during the Council meeting of 17$^{th}$*

*December 2003, a date after the allegation was made, there was unanimous agreement on this issue*";

Barra minn dawn l-ispunti, il-provi mismugha *viva voce* mill-ewwel Qorti juru wkoll illi lanqas ma hija minnha l-allegazzjoni ta' fatt attribwita wkoll lill-attur li dan kien qieghed hu nnifsu jiccertifika x-xoghlijiet ghall-hlas minflok konsulent professjonali. Ara xhieda tal-Perit Charles Buhagiar a fol. 102;

Apparti dan kollu, ma jistax lanqas jisfuggi di vista illi l-konvenut ma kkampax id-difiza tieghu bl-eccezzjoni tal-verita tal-fatti izda b'mod esklussiv u singolari ppuntellaha fuq dik tal-*fair comment*. Kif drabi ohra ritenut "ghandha ssir, s'intendi, distinzjoni bejn dak li huwa '*allegation of fact*' u dak li hu '*comment*'. Biex tirnexxi d-difiza tal-verita tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi pruvat – din hija l-'*plea of justification'*. Il-'*comment*' ... biex ikun gustifikat, jehtieg li jkun '*fair and bona fide'*." Ara **Kollez. Vol. XXXVI P IV p 843** u **Vol. XLIV P IV p 874**, fost bosta ohrajn. Jigi osservat illi f'dan il-kaz l-artikolu, ankorke allegat li hu bazat fuq ir-rapport surreferit, lanqas ma jikkontjeni, ghal skop ta' bilancjament, is-senjalazzjonijiet hawn fuq esposti u estratti mir-rapport. B'hekk ukoll lill-qarrej ma nghatax il-kwadru komplet tac-cirkostanzi biex hu jkun f'qaghda li jaqbel jew ma jaqbelx mal-kummenti dwar l-allegat operat abuziv ta' l-attur. Din ic-cirkostanzi inkompleta tal-fatti, f'partijiet rilevanti taghhom, ma tistax, fil-hsieb tal-Qorti, taghmel il-kumment "*fair*" u "*bona fide*". *Multo magis*, imbaghad, meta, vizwalizzat fl-assjem tieghu, l-artikolu jhalli l-impressjoni li l-attur abbuza sew mill-kariga tieghu;

Naturalment, il-Qorti hi konxja illi l-kumment jew il-kritika ta' l-operat ta' persuni pubblici hi dejjem bzonnjuza f'socjeta` demokratika. Mill-banda l-ohra, meta dik it-tutela timplika, bla ebda gusitifikazzjoni, gudizzju ta' dizvalur fuq ir-reputazzjoni tal-persuna kkritikata, dik l-istess kritika ma tistax ma tkunx, ghal dik li hi l-legittimita ta' l-ezercizzju taghha, kondizzjonata ghall-osservanza ta'

certi limiti gusti. Kif osservat mill-Qorti ta’ l-Appell, sede Superjuri, f’certi decizjonijiet recensjuri taghha, ghalkemm il-margini ossija latitudni ghal kritika hija aktar wiesgha meta si tratta ta’ ufficcjali pubblici u specjalment ta’ nies fil-politika, u l-imgieba taghhom tista’ tkun soggetta ghal kritika, anke harxa, kulhadd – anke l-politici – ghandhom dritt ghar-reputazzjoni taghhom. Ara “**Onor. Eddie Fenech Adami *et* -vs- Malta Labour Party *et***”, 9 ta’ Frar, 2007 u “**Onor. Prim Ministru Dr. Alfred Sant -vs- Onor. Dr. Austin Gatt *et***”, 29 ta’ Ottubru, 2007.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------